QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.), B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Lawrence Sultana**

Numru: 43/2017

Illum 23 ta' Ottubru 2018

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Lawrence Sultana,** ta' disgha u hamsin (59) sena, iben Carmel u Eucharistica nee' Sultana, imwieled ir-Rabat, Ghawdex nhar is-16 ta' Jannar 1958, residenti fil-fond 'Fleur', Triq il-Wiehed u Tletin ta' Marzu, 1979, Rabat, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 3558(G), akkuzat talli nhar it-30 ta' Gunju 2017, ghall-habta ta' 2.30 ta' filghaxija, gewwa r-residenza 'Fleur

House', Triq il-Wiehed u Tletin ta' Marzu, 1979, Rabat, Ghawdex u/jew fil-vicinanzi;

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe' offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Lawrence Galea skont ma' ccertifika Dr. Joseph Galea M.D. mic-Centru tas-Sahha tar-Rabat, Ghawdex;

Il-Qorti giet gentilment mitluba illi minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita mil-ligi, jekk jidrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta' ta' Lawrence Galea u terzi persuni sabiex tinzamm il-bon ordni pubbliku flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lill-hati b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' flus li tigi ffissata mill-Qorti;

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 64) datata 28 ta' Mejju 2018 li permezz taghha baghat lill-imputat Lawrence Sultana biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

(a) Fl-Artikoli 214, 215, 217, 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) Fl-Artikoli 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) Fl-Artikoli 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi, waqt l-udjenza tal-31 ta' Mejju 2018 (*a fol.* 65), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fit-28 ta' Mejju 2018, u f'liema seduta l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Rat illi fis-seduta tad-19 ta' Lulju 2018 il-Qorti tat cans lill-Prosekuzzjoni, lill-parte civile u lid-difiza sabiex jipprezentaw is-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub.

Rat illi l-Parte Civile pprezentat is-sottomissjoni taghha bil-miktub fil-31 ta' Awwissu 2018;

Rat illi d-difiza pprezentat is-sottomissjoni taghha bil-miktub fit-28 ta' Settembru 2018;

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

**KUNSIDERAZZJONIJIET LEGALI GENERALI**

Illi qabel il-Qorti tghaddi biex taghmel il-kunsiderazzjonijiet taghha rigward l-imputazzjonijiet per se, il-Qorti ser tghaddi biex taghmel numru ta' kunsiderazzjonijiet generali.

**Preliminari**

Din hija Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Quddiemha persuna jew persuni jigu mixlija li wettqu reati kriminali. Il-Qorti hija adita bl-imputazzjonijiet li jingiebu quddiemha u li jkunu maghmula mill-prosekuzzjoni. Hemm limitu kemm il-Qorti tista' tkun flessibbli fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-imputazzjonijiet li jingiebu quddiemha.

Għalkemm verament li l-komparixxi li fuqha hemm l-imputazzjonijiet hija ritenuta bħala un avviso a comparire, l-imputazzjonijiet huma dejjem ta' indoli penali. Ir-regoli tal-procedura ma jistgħux jigu interpretati b'mod wiesa' tali li l-parametri tal-azzjoni penali jigu spustati jew mibdula. Altrimenti d-difiza ma tkunx tista' tiddefendi ruħha kif jixraq.

Quddiem din il-Qorti jekk persuna tinstab ħatja teħel piena. Jekk ma tinstabx ħatja tigi meħlusa mill-imputazzjonijiet dedotti. Il-valutazzjoni dwar jekk persuna tkunx ħatja jew le tiddependi dejjem fuq il-provi li jingiebu quddiemha (u quddiem ebda post jew medium ieħor) u l-istess valutazzjoni hija marbuta mal-imputazzjonijiet kriminali li jkunu gew miktuba u prezentati quddiemha mill-Pulizija Ezekuttiva jew skont kif ikunu gew mizjuda jew mibdula fl-istadju opportun – u dejjem mhux aktar tard minn meta l-Prosekuzzjoni tkun iddikjarat il-provi tagħha magħluqa. Altrimenti jekk ma jkunx hekk l-akkuzatur ikun jista' jbiddel il-parametri tal-azzjoni penali skont meta jidhirlu u skont

l-andament ta' dak li jkun qed iseħħ jew li jkun irrizulta matul il-kors tal-process penali.

Għalkemm hemm element ta' flessibilita' provdut minn certu gurisprudenza fir-rigward tal-procedimenti quddiem dawn il-Qrati ta' gurisdizzjoni limitata, din il-flessibilita' trid tkun tali li ma tkunx ta' pregudizzju għall-proceduri penali u għad-drittijiet tad-difiza.

Is-setgħat ta' din il-Qorti u r-rimedji li din il-Qorti tista' tagħti f'kull kaz huma limitati u ristretti għal dawk li huma previsti mill-Ligi u fil-Ligi. Din il-Qorti ma għandiex is-setgħa, ossia carte blanche li tiddeciedi kif trid u tipprovdi kull rimedju li jidhlilha f'moħħha jew li trid jew li tkun tixtieq tagħti. Il-provvedimenti tagħha huma limitati għal dawk provduti fil-Kodici Kriminali.

Din il-Qorti ma tistax tieħu post jew tissostitwixxi l-Qorti Civili kompetenti jew tagħti rimedji ta' natura civili li ma humiex prevvisti mill-Kodici Kriminali.

F'kull kaz pero', stante li din hija Qorti ta' Gudikatura Kriminali hija marbuta bit-termini tal-imputazzjoni skont kif spjegat aktar 'il fuq. Aktar minn hekk quddiemha huwa dmir tal-Prosekuzzjoni li tipprova l-kaz tagħha skont kif proferit fl-imputazzjoni kontestata sal-grad ta' konvinciment morali u sufficjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni.

Mill-banda l-oħra jekk id-difiza tagħzel li tressaq xi provi jew sottomissjonijiet kif sar f'dan il-kaz, huwa bizzejjed għad-difiza li tikkonvinci lill-Qorti bit-tezi tagħha fuq bazi ta' konvinciment morali li jistrieħ fuq bilanc ta' probabbilta' u f'kaz li dan iseħħ, u l-Qorti ma tħossiex moralment konvinta li l-Prosekuzzjoni laħqet il-grad ta' prova rikjesta minnha, allura l-Qorti trid tillibera lill-imputat.

Dawn huwa principji kardinali li jsawru l-procediment penali Malti. Jogħgbuna jew ma jogħgbuniex, dawn huma wħud mir-regoli bazilari li jistrieħ fuqhom il-procediment penali Malti.

Biss din il-Qorti ma tistax tieqaf hawnhekk. Hija marbuta li tiggudika dan il-kaz skont l-akkuza li giet magħmula mill-Prosekuzzjoni kontra l-imputat u ma tistax tbiddel hi bis-setgħa tagħha stess il-parametri tal-kawza intrapriza mill-Prosekuzzjoni u tiddeciedi kif jiftlilha jew tmur lil hinn mill-imputazzjonijiet prezentati lilha mill-Prosekuzzjoni.

**<u>Livell ta' prova</u>**

Huwa principju baziku prattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li sabiex l-akkuzat jigi misjub hati l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu dawn ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju dettat mir-raguni.

F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Dicembru 1997 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Peter Ebejer**, fejn il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz **Miller v Minister of Pension** - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni '*proof beyond a reasonable doubt.*'

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Graham Charles Ducker** (Qorti tal-Appell Kriminali - deciza fid-19 ta' Mejju, 1997) gie ritenut illi:

*"it is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

Din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija v Martin Mark Ciappara** fejn spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'verzjonijiet konfliggenti u cioe' jistghu jigru zewg affarijiet u cioe' jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghall-piena jew ghal xi provvediment iehor.

**<u>Apprezzament tal-provi fl-assjem</u>**

Il-Qorti tissottolinea li huwa ben risaput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi individwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu

kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il-Qorti, u cioe' li tezamina bir-reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-kaz.

**XHIEDA**

F'dan il-kaz xehdu hdax (11)-il xhud:

*Dr. Joseph Galea M.D. (a* fol. *12 et seq), Spettur Bernard Charles Spiteri (a* fol. *15 et seq), PC1317 Robert Portelli (a* fol. *20), Lawrence Galea (a* fol. *29 et seq.), PS 698 Shaun Tabone (a* fol. *38 et seq.), Dr. Michael Refalo M.D. (a* fol. *43 et seq.), PS 428 Carmelo De Battista (a* fol. *54 et seq.), PC 688 Josmar Muscat (a* fol. *56 et seq.), l-imputat Lawrence Sultana (a* fol. *67 et seq.), Maria Sultana (a* fol. *74 et seq.) u Evangelique Sultana (a* fol. *81 et seq).*

**IL-FATTI SPECIE TAL-KAZ**

Il-parte leza Lawrence Galea wara li spicca mir-relazzjoni li kellu ma' bint l-imputat fit-30 ta' Gunju 2017, ghall-habta ta' 2.30 ta' filghaxija, gewwa r-residenza 'Fleur House', Triq il-Wiehed u Tletin ta' Marzu, 1979, Rabat, Ghawdex mar fid-dar tal-imputat.

Fil-provi prezentati quddiem din il-Qorti hemm konflitt dwar x'gara ezatt x'hin Lawrence Galea mar fid-dar tal-imputat. Hemm xhieda li kien l-imputat li ddefenda lilu inniffsu mill-aggressjoni ta' Galea, waqt li l-parti leza Galea jsostni li soffra griehi gravi f'widintu meta gidmu l-imputat.

L-**<u>Ispettur Bernard Spiteri</u>**[1] xehed:

> *Nhar it-tletin (30) ta' Ġunju tas-sena sena elfejn u sbatax (2017) għal ħabta tat-tlieta ta' waranofsinhar (~ 3.00 p.m.) kien ġie l-għassa ċertu Lawrence Galea, ID card number 21691G fejn dan kellu viżibbli f'widnejh ferita. Aħna irreferejnih biex imur il-poliklinika biex jieħu l-kura meħtieġa u hu fil-fatt kien mar u kien ġab ċertifikat mediku li kien sofra ġrieħi gravi. Dan kellu parti minn widintu tax-xellug kienet maqtugħa barra.*
>
> *Meta l-pulizija ħadet il-verżjoni tiegħu hu kien qal illi kien mar għand l-għarusa tiegħu fid-dar tagħha fir-Rabat, Għawdex fejn hemmhekk kien inqala' argument ma' missierha u li dan kien ħabat għalih, hu kien qal li kien mar għall-affari tiegħu u kif ħabbat il-bieb, Lawrence, l-imputat li qed nagħraf hawnhekk fl-awla, fetaħlu u qallu, "x'ġejt tagħmel!" inqala' argument u li kien qal insomma kawża ta' dan l-argument kien gidmu f'widnejh u qatagħlu parti minn widintu, il-parti minn widintu barra.*
>
> *Jiena li rrid ngħid imbagħad aħna konna ħadna ukoll il-verżjoni ta' Lawrence Sultana u fid-dawl tagħha konna anke ħriġna l-akkużi kontra l-kwerelant ukoll. Jiena nhar it-tlieta (3) ta' Lulju kont ħadt stqarrija lil Lawrence Sultana fl-għassa tar-Rabat, Għawdex; dan kont domt ma ħadthielu għax kellu l-ksur, jekk mhux sejjer żball, f'saqajh u allura ma*

[1] Seduta tas-16 ta' Novembru 2017

*setax jiġi qabel u f'din l-istqarrija dan Lawrence Sultana kien wieġeb għad-domandi li kienu sarulu u anke ukoll kien għażel li jiffirma din l-istqarrija.*

*Kontro eżami:*

*Avukat Dottor Chris Said:*

*Fil-verżjoni tiegħu, Sultana x'qallek li ġara?*

*Ix-xhud:*

*Lawrence Sultana?*

*Avukat Dottor Chris Said:*

*Eħe.*

*Ix-xhud:*

*Hi qiegħda mniżżla fl-isqaq. Hu kien qalli li għal ħabta tat-tlieta (~ 3.00) kien ġie d-dar Lawrence, jiġifieri Lawrence l-kwerelant, Galea, u hu fetaħlu, "jien għidtlu, 'x'ġara Wenz?' u hu qalli, 'l-affarijiet fejn huma?' u xħin weġibtu 'dawn x'affarijiet huma?' hu tefagħni dahri mal-art billi mbuttani. Jien waqajt mal-art iżda qomt u mbuttajtu biex joħroġ 'il barra u dak il-ħin ma waqafx u fil-fatt qatt ma waqa', dak il-ħin ma waqax u fil-fatt qatt ma waqa'. Jien sadanittant għajjat lit-tifla biex iġġiblu l-affarijiet u dak il-ħin reġa' mbuttani u waqqagħni fl-art għal dahri għat-tieni darba. Jien erġajt qomt u mbuttajtu biex joħroġ. Hu dar u imbuttani għat-tielet darba u dak il-ħin hu ġie u qabeż għal fuqi u tani daqtejn ġo sidri u f'idu l-leminija kellu ċ-ċavetta tat-trakk."*

*Avukat Dottor Chris Said:*

*Dan l-inċident kollu ġara fil-garaxx jew fil-proprjetà tal-akkużat.*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Hu ġara fil-proprjetà tal-akkużat jew inkella quddiemha fit-triq, imma hemmhekk ġara insomma.*

*<u>Avukat Dottor Chris Said</u>:*

*U inti irriżultalek illi kien hemm relazzjoni bejn it-tifla tal-akkużat –*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Iva, iva, hekk hu.*

*<u>Avukat Dottor Chris Said</u>:*

*U din kienet spiċċat, kienu ġġieldu?*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Kienu ġġieldu xi ġranet qabel.*

*<u>Avukat Dottor Chris Said</u>:*

*Xi ġranet qabel. U dan meta mar hemm kien –*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Kienu diġà miksurin iva.*

*<u>Avukat Dottor Chris Said</u>:*

*Kienu diġà miksurin.*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Iva mela.*

Il-**<u>parte leza Lawrence Galea</u>**[2] fix-xhieda tieghu jghid:

*Jien kont f'relazzjoni mat-tifla tiegħu għal tlett snin u nofs. Il-Ħadd ta' qabel, f'Ġunju tal-elfejn u sbatax (2017), għidtilha konna*

---

[2] Seduta tat-13 ta' Frar 2018

*ħa mmorru surprise ġewwa Malta, għidtilha ħa ngħaddi għalik, u mort għaliha, qaltli, "fejn ħa mmorru?" għidtilha, "ma nistax ngħidlek," għax surprise ovvjament. U xħin wasalna x-Xatt biex naqbdu l-vapur qaltli, "hawnhekk x'ġibtni nagħmel!" Għidtilha, "ħa mmorru Malta." U bdiet tgerger. Għidtilha, "mhux ħa mmorru nbagħtu jew xogħol," għidtilha, "ħa mmorru nieħdu gost." U qaltli, "wassalni d-dar." U bdiet tgerger. Għidtilha, "xi trid, ħa tagħmel bħal missierek, dejjem id-dar?!" U ħadet għaliha. U jien dawwart u wassaltha d-dar ... . U minn dakinhar 'il hawn hi tfiet il-mobile u ma kienx baqagħli kuntatt iktar magħha. U ibblukkjatni fuq il-Messenger u ma kienx baqagħli kuntatt magħha. Imbagħad il-ġimgħa wara ċempiltilha fuq ix-xogħol biex nara x'ħa nagħmlu u qaltli ma tridx taf iktar bija. Għidtilha, "ok, ma ġara xejn," għidtilha, "imma ħa niġi għada fis-sagħtejn xħin inlesti mix-xogħol ħa niġi għall-affarijiet." Qaltli, "ok," li kont xtrajtilha waqt ir-relazzjoni fosthom Iphone kien jammonta għal seba' mija u ħamsin. U hekk għamilt, mort id-dar fis-sagħtejn u fetaħli missierha, Lawrence Sultana. Ħabbattlu u fetaħli u qalli, "hawnhekk x'ġejt tagħmel!" Għidtlu, "ġejt għall-affarijiet, biex niġbor l-affarijiet" jien. Qalli, "itlaqli 'l barra għax naqtalek rasek barra!" Jien għidtlu, "hawnhekk ma ġejtx biex niġġieled jien." Għidtlu, "biex nirranġaw is-sitwazzjoni biex niġbor l-affarijiet." U għaqqad il-ponn, qalli, "ejja, ħa naqtagħlek rasek barra!" U jien għidtlu, "jekk trid tiġġieled l-ewwel daqqa aqlagħha inti," għidtlu, "għax jien mhux ħa niġġieled." U f'daqqa waħda tar għalija qisu vleġġa u, qatagħli biċċa minn widinti. U spiċċajna fl-art għax ma riedx jerħi hu bl-ebda mod.*

*Il-Qorti:*

*Biex qatagħlek widintek?*

*Ix-xhud:*

*Gidimni.*

*Il-Qorti:*

*Gidmek?*

*Ix-xhud:*

*Iva, tar għalija. U ntfajna fl-art u biex jerħi kelli naqbadlu l-parti tiegħu biex reħa għax ma riedx jerħi bl-ebda mod. U xħin qomna nara ħafna demm f'ħalq Lawrence Sultana, ħafna demm fl-art, fosthom nara biċċa minn widinti fl-art, u l-imputat kien izappap u mar jiġri għal fuq il-mejda jzappap. U kien ħa jaqbad il-bastun u ħa jixħtu u reġa' erħielu fuq il-mejda. U jien tlaqt 'il barra niġri, xokk qawwi għax rajt ħafna demm, u mort l-għassa biex nagħmel rapport u kien hemm il-pulizija qalli, "mur agħmel, mur iddewwa l-clinic u agħmel ċertifikat," qalli, "għax għandek ħafna demm ħiereġ," u mort il-clinic, il-polyclinic, Victoria, Gozo u t-tabib qalli, "għandek parti minn widintek nieqsa u ma titranġax, ma terġax tikber." U ... insofri minn xokk qawwi għax għandi biċċa minn widinti fl-art u qed immur għand il-psikjatra Dottor Spiteri fejn anke tani l-mistura. U biex nirranġa widinti mort għand il-plastic surgery u qalli hemm bżonn operazzjoni biex titranġa widintek", qalli, "għax mhux ħa tikber waħidha."*

*Spettur Bernard Charles Spiteri:*

*U din il-widna li qed tirreferi għaliha, liema waħda hi jekk jogħġbok?*

*Ix-xhud:*

*ix-xellugija.*

*Il-Qorti:*

*Għandna ritratti jew hekk x'tesebixxi?*

*Ix-xhud:*

*Iva, imma mhux fuqi.*

*Xi ħadd:*

*Jekk forsi l-Qorti tista' tieħu konjizzjoni ta' widintu.*

*Il-Qorti:*

*Ejja ftit 'il hawn.*

*Il-Qorti rat mill-viċin il-ferita indikata.*

*Il-Qorti taħtar lil Dottor Michael Refalo biex jinvista lil Lawrence Galea u wara li jikkonsulta maċ-ċertifikat esebit a fol 14 maħruġ minn Dottor Joseph Galea jerġa' jinvista lill-kwerelant Galea dwar il-permanenza jew meno tal-ferita sofferta fl-allegat inċident.*

*Kontro eżami:*

*Avukat Dottor Chris Said:*

*Ara Sur Galea, l-aħħar seduta inti ma ġejtx il-Qorti, hux hekk?*

*Ix-xhud:*

*Iva, iva.*

*Avukat Dottor Chris Said:*

*Ma ġejtx.*

*Ix-xhud:*

*Iva.*

*Avukat Dottor Chris Said:*

*X'kellek?*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Kont marid.*

*<u>Avukat Dottor Chris Said</u>:*

*Kif kont l-Arkadia eżatt waqt il-ħin tas-seduta?*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Ma kontx hemm.*

*<u>Avukat Dottor Chris Said</u>:*

*Bil-ġurament tiegħek!*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Iva.*

*<u>Avukat Dottor Chris Said</u>:*

*Għandna r-ritratti tiegħek l-Arkadia bit-trakk tiegħek l-Arkadia!*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Iva.*

*<u>Avukat Dottor Chris Said</u>:*

*Tigdeb f'dawn l-affarijiet!*

*<u>Il-Qorti</u>:*

*Dottore, staqsi l-mistoqsijiet.*

*<u>Avukat Dottor Chris Said</u>:*

*Le, le, Sur Maġistrat, fuq il-kredibilità tax-xhud!*

*<u>Avukat Dottor Chris Said</u>:*

*Kont l-Arkadia?*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Ma kontx l-Arkadia.*

*<u>Il-Qorti</u>:*

*Dak jekk ma ġiex dakinhar jien irrid nieħu passi fuq jekk ġiex jew le.*

*<u>Avukat Dottor Chris Said</u>:*

*Qed nagħmel mistoqsijiet fuq il-kredibilità tax-xhud fuq affarijiet oħra ukoll, ġej għalihom.*

*Issa, inti xhedt hawnhekk u għidt illi mort l-għassa.*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Iva.*

*<u>Avukat Dottor Chris Said</u>:*

*Jekk ngħidlek li inti kif tlaqt mingħandu erġajt ċempilt theddu fuq it-telephone?*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*M'heddidtux.*

*<u>Avukat Dottor Chris Said</u>:*

*M'heddidtux.*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Le.*

*<u>Avukat Dottor Chris Said</u>:*

*U hu kellu l-pulizija d-dar u ta t-telephone lill-pulizija u l-pulizija semgħuk theddu fuq it-telephone!*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*...*

*<u>Avukat Dottor Chris Said</u>:*

*Mhux vera!*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*M'heddidtux.*

*<u>Avukat Dottor Chris Said</u>:*

*M'heddidtux. Ċempiltlu imma.*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Ċempiltlu għall-affarijiet li huma ħwejjġi.*

*Avukat Dottor Chris Said:*

*M'heddidtux. U jekk ngħidlek li l-pulizija semgħuk theddu għax il-mobile kien f'idejn il-pulizija, x'tgħidli?*

*Ix-xhud:*

*Mhux tressaq il-pulizija!*

*Avukat Dottor Chris Said:*

*Issa nressquh lill-pulizija ukoll, tibżax!*

*Issa, fuq id-demm, għidtilna kien hemm ħafna demm. Jekk ngħidlek li l-pulizija li waslu fuq il-post mill-ewwel għax ċemplilhom* ***hu****, u mhux int, ċemplilhom hu lill-pulizija, u ma sabu l-ebda demm, x'tgħidli?*

*Ix-xhud:*

*Jekk laħaq neħħih!*

*Avukat Dottor Chris Said:*

*Laħaq neħħih. Sewwa.*

*Issa, inti dan l-inċident ġara ġol-garaxx, hux hekk, tiegħu?*

*Ix-xhud:*

*Iva.*

*Avukat Dottor Chris Said:*

*Ġol-garaxx tiegħu. Xħin qallek titlaq barra minn ħwejjġu għaliex ma ħriġtx?*

*Ix-xhud:*

*Għax kont nistenna l-affarijiet; jien ċempilt qabel lit-tifla tiegħu l-iskola, fejn tgħallem hi, Santa Venera, mingħalija, u qaltli fis-sagħtejn ejja għall-affarijiet, hekk fthemna, u mort u qabel ħabbattlu.*

<u>*Avukat Dottor Chris Said*</u>*:*

*Issa, dan qallek, "itlaq 'il barra!"*

<u>*Ix-xhud*</u>*:*

*Qalli "għax naqtagħlek rasek."*

<u>*Avukat Dottor Chris Said*</u>*:*

*Eħe. U inti ma tlaqtx.*

<u>*Ix-xhud*</u>*:*

*Jien fthemt, għidtlu, "tini l-affarijiet."*

<u>*Avukat Dottor Chris Said*</u>*:*

*Qed nistaqsik, "xħin qallek itlaq 'il barra minn ġo ħwejjġi!" inti tlaqt?*

<u>*Ix-xhud*</u>*:*

*Stennejt l-affarijiet.*

<u>*Avukat Dottor Chris Said*</u>*:*

*Qbajt hemm ġew, tisfidah!*

<u>*Ix-xhud*</u>*:*

*Ma sfidajtux jien. Jien għidtlu, "mhux biħsiebi niġġieled miegħek," għidtlu, "jien ġejt hawnhekk biex nirranġaw is-sitwazzjoni –*

<u>*Avukat Dottor Chris Said*</u>*:*

*Tak ordni biex titlaq 'il barra minn ġo ħwejjġu?*

<u>*Ix-xhud*</u>*:*

*Jien għidtlu –*

<u>*Avukat Dottor Chris Said*</u>*:*

*Ismagħni! Qed nistaqsik!* ***Tak ordni*** *biex titlaq barra minn ġol-garaxx tiegħu?*

<u>*Ix-xhud*</u>*:*

*Qalli, "itlaq 'il barra," qalli, "għax naqtagħlek rasek barra!" Dak mhux diskors!*

Is-**<u>Surgent Shawn Tabone</u>**[3] fix-xhieda tieghu moghtija fit-22 ta' Marzu 2018 jghid li kemm l-imputat u kif ukoll il-parte leza qablu li l-incident sehh fil-garage tal-imputat.

*Mort fil-garaxx tas-Sinjur, Lawrence Sultana.*

*<u>Avukat Dottor Chris Said</u>:*

*Wara li sarlek ir-rapport jew qabel?*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Wara li sar ir-rapport. Ġejt infurmat u mort fuq il-post.*

*<u>Avukat Dottor Chris Said</u>:*

*Inti irriżultalek li dan l-inċident ġara fil-garaxx ta' Sultana, hux hekk?*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Iva, iva.*

*<u>Avukat Dottor Chris Said</u>:*

*Irriżultalek illi Sultana lil Galea xħin mar hemm qallu, "Tidħollix hawn, itlaq 'il barra!"*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Ifhimni, li sibt l-akkużat fuq il-post, tkellimt miegħu. Lawrence Galea ma kienx fuq il-post. Jiġifieri ħadt verżjoni ta' wieħed imbagħad ħadt il-verżjoni tal-ieħor.*

*<u>Avukat Dottor Chris Said</u>:*

[3] A fol. 38 tal-process

*Però irriżultalek illi l-inċident ġara fil-garaxx ta' Lawrence Sultana.*

*Ix-xhud:*

*Dik biss nista' nikkonferma jien.*

*Avukat Dottor Chris Said:*

*Għax qablu t-tnejn li huma li ġara hemmhekk.*

*Ix-xhud:*

*Eħe.*

L-**imputat Lawrence Sultana** xehed fis-seduta tat-3 ta' Lulju 2018:-

*Dan kien it-tletin (30) ta' Ġunju tal-elfejn u sbatax (2017). Kien għal ħabta tat-tlieta ta' waranofsinhar (3.00 p.m.) qegħdin id-dar jiena u l-familja bi kwietna wara l-ġurnata tax-xogħol u għal ħabta tat-tlieta (~ 3.00) jiġi Lawrence Galea jħabbat id-dar, jiena ftaħtlu ġol-garaxx għax aħna ġol-garaxx l-aktar li nqattgħu l-ġurnata u ftaħtlu u daħal u għidtlu, "x'ġara Wenz?!" għax jien Wenzu kont ngħidlu, u qalli, "fejn huma l-affarijiet tiegħi?" u jien għidtlu, "x'affarijiet huma?" Għajjatt lit-tifla, kienet fuq, għax jien ma kont naf b'xejn, it-tifla Evangelique, għidtilha, "Evangelique, inti kellek tlesti xi ħaġa lil Wenzu?" Qaltli, "iva, jien diġà għidtlu illi ma jiġix id-dar u xħin inlestihomlu, inċempillu u niltaqa' miegħu barra fit-triq u ntihomlu." Hu qabadni minn sidri, għidtlu, "Ħallini u itlaqli 'l barra minn hawn!" għidtlu, "mur stenniha hemm barra." Qabadni minn sidri u beda jtini ġo sidri u remieni għal dahri fl-art.*

*Avukat Dottor Chris Said:*

*Dan fejn kien xħin ġara?*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Ġod-dar, ġod-garaxx.*

*<u>Avukat Dottor Chris Said</u>:*

*Ġol-garaxx tiegħek.*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Ġol-garaxx tad-dar tiegħi ġara x-xogħol kollu. Imbagħad jiena erġajt qomt, għidtlu, "oħroġli 'l barra minn hawn għidtlek!" Għidtlu, "ftakar li jiena marid b'qalbi," għidtlu, "ħallina bi kwietna." Reġa' qabadni minn ġo sidri u tani tani daqqa ġo sidri u reġa' remieni fl-art. Jiena nerġa' nqum minn taħtu, għax baqa' jtini xħin kont fl-art wiċċi 'l fuq, qomt u imbuttajtu 'l barra, ħabbattu mal-bieb tal-garaxx għax il-garaxx kien għadu miftuħ u l-bieb tal-aluminium u waqt li kont qed nimbuttah forsi ħabat rasu mal-bieb u x'ġara ma nafx. Lili reġa' qabadni minn sidri, tani daqqa ta' sieq ġo irkoptejja l-leminija, jew ġo irkoptejja l-leminija, u tefagħni fl-art u beda jheddidni li joqtolni qabel joqtolni ma joħroġx mid-dar. U beda joffendini bil-familja tiegħi, b'ommi u missieri li huma mejtin ġol-qabar u jsemmihom bil-ħaqq u lili baqa' jtini sa xħin ġew il-mara u t-tifla għax semgħuh jgħajjat, niżlet it-tifla ttini l-għajnuna u ġiet il-mara ukoll, neħħewh minn fuqi u jiena kelli nitkaxkar biex noqgħod bilqiegħda fuq is-sufan. Imbagħad waqt li dak, niżlet it-tifla u l-mara neħħewh, hu ħareġ 'il barra u beda jheddidna, kemm lili, kemm lill-mara u kemm lit-tifla. Lit-tifla qallha li jisparixxiha minn wiċċ id-dinja jekk ma terġax tirranġa miegħu, lili qalli, "tiegħek ma ħlistiex għax ħajtek irrid nagħmilhielek infern," u lill-mara beda jheddidha li lil Santa Marija ma tarahiex iżjed.*

*Avukat Dottor Chris Said:*

*Mela, dan kollu ġara ġol-garaxx tiegħek.*

*Ix-xhud:*

*Kollox ġol-garaxx id-dar tiegħi.*

*Avukat Dottor Chris Said:*

*U inti għidtlu kemm-il darba biex joħroġ.*

*Ix-xhud:*

*Jiena għidtlu dartejn, "Oħroġli barra minn hawn!" U għidtlu li jien marid b'qalbi ukoll. U hu jaf li marid b'qalbi.*

*Avukat Dottor Chris Said:*

*Inti dan kollu – għax din m'għidtilniex – dan kollu għaliex ġara? Dan kellu xi relazzjoni mat-tifla tiegħek?*

*Ix-xhud:*

*Dan kien ikellem lit-tifla tiegħi u ma baqgħux. Imma jiena lanqas kont naf illi ma baqgħux.*

*Avukat Dottor Chris Said:*

*Jiġifieri dan kien qed jispiċċaw minn ma' xulxin –*

*Ix-xhud:*

*Kienet spiċċat minn ma' xulxin għax wara mbagħad it-tifla qaltli. Qaltli, "jien ma kontx għadni miegħu."*

*Avukat Dottor Chris Said:*

*Sewwa. U ġie għall-affarijiet –*

*Ix-xhud:*

*Ġie għall-affari tiegħu għalija d-dar. Jiena x'għandi x'naqsam?!*

*Avukat Dottor Chris Said:*

*Ħa nippreżentaw dawn iż-żewġ ritratti, dokument LS1 u LS2. X'juru dawn iż-żewġ ritratti?*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Dawk iż-żewġ ritratti huma tal-isptar ta' xħin mort bid-daqqa li tani ġo rkopti u għandi l-ligaments tiegħi maqtugħin. Għandi wieħed mil-ligaments minn tlieta maqtugħin u ma jistax jerġa' jiġi f'postu dak, għal għomri.*

*<u>Avukat Dottor Chris Said</u>:*

*Dak x'sofrejt inti bid-daqqa li tak,*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Bid-daqqa li tani go rkopti. Hu kellu f'idu xħin kien itini, kellu ċ-ċavetta ippuntata tat-trakk.*

*<u>Avukat Dottor Chris Said</u>:*

*Fil-garaxx wara li dan telaq, ħareġ 'il barra, inti rajt xi demm?*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Le, la ħaġa u lanqas l-oħra.*

*<u>Avukat Dottor Chris Said</u>:*

*Issa, x'għamiltu malli telaq?*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Malli telaq jiena ċempilt lill-pulizija u waqt li kont qed inċempel lill-pulizija biex ngħidu x'ġara reġa' kien nieżel għalina jew kien nieżel għalina u xħin semgħani inċempel reġa' tela' 'l fuq.*

*<u>Avukat Dottor Chris Said</u>:*

*Il-pulizija ġew?*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Il-pulizija ġew u qaluli, "fejn hu?" Għidtlu, "għadu kemm telaq." Il-pulizija kienu għadhom hemm, iċempilli t-telephone, fuq linja oħra, mhux l-istess fuq in-numru tal-mobile tiegħu, beda jheddidni b'ommi u missieri li għandi mejtin fil-qabar –*

*Avukat Dottor Chris Said:*

*Fuq it-telephone issa dan.*

*Ix-xhud:*

*Fuq it-telephone qed nitkellmu.*

*Avukat Dottor Chris Said:*

*Xħin hemm il-pulizija ħdejk ġol-garaxx.*

*Ix-xhud:*

*Kien hemm il-pulizija ħdejja, kien hemm żewġ pulizija.*

*Avukat Dottor Chris Said:*

*Imbagħad x'ġara?*

*Ix-xhud:*

*Lit-tifla għidtilha, "ħa, tih lill-pulizija," jien. It-tifla tatu lill-pulizija, kien wieħed naqra mimli,*

*Avukat Dottor Chris Said:*

*X'tatu lill-pulizija?*

*Ix-xhud:*

*Il-mobile.*

*Avukat Dottor Chris Said:*

*Il-mobile.*

*Ix-xhud:*

*Xħin qallu "hello!", Lawrence qallu, "Min int?" Qallu, "Jiena l-pulizija." U qatagħlu l-linja.*

*Avukat Dottor Chris Said:*

*Jiġifieri l-pulizija kienu hemm xħin dan reġa' ċempillek –*

*Ix-xhud:*

*Iva, xħin reġa' ċempilli.*

*Avukat Dottor Chris Said:*

*U ma ċempillekx mill-mobile tiegħu.*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Le, le, le, le, le! Mobile differenti.*

*<u>Avukat Dottor Chris Said</u>:*

*U fejn taf li kien mobile differenti?*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Għax mhux in-numru tiegħu.*

*<u>Avukat Dottor Chris Said</u>:*

*Inti n-numru tiegħu kellek saved?*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Kelli saved jien. Kelli save tiegħu. Illum tgħidlix għax neħħejt kollox minn dakinhar 'il hawn.*

*<u>Avukat Dottor Chris Said</u>:*

*Daqshekk mix-xhud.*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Imbagħad xħin il-mara u t-tifla kienu qed jifirduni, beda jagħti lilhom ukoll. Hemm it-tbenġil tat-tifla,*

*<u>Avukat Dottor Chris Said</u>:*

*Dak issa jippreżentaw ir-ritratti huma xħin jixdu.*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Orrajt.*

*<u>Avukat Dottor Chris Said</u>:*

*Jiġifieri inti dan dak il-ħin xħin kienu qed, ta lit-tifla u lil mara ukoll.*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Ta lill-mara u lit-tifla xħin ġew jifirduh, ineħħuh minn fuqi, ħa ngħidu hekk.*

*Avukat Dottor Chris Said:*

*U meta ġew ineħħuh minn fuqek, spjegalna ftit –*

*Ix-xhud:*

*Jien kont mimdud wiċċi 'l fuq fl-art.*

*Avukat Dottor Chris Said:*

*Fl-art. U hu?*

*Ix-xhud:*

*Hu kien għadu jtini u ġew ineħħuh minn fuqi. U l-mara għandha d-daqqa taċ-ċavetta hawn, ġo moħħha.*

*Avukat Dottor Chris Said:*

*Ġo moħħha.*

*Ix-xhud:*

*U t-tifla kollha tbenġil.*

*Avukat Dottor Chris Said:*

*Daqshekk mix-xhud.*

*Ħa jagħmillek xi mistoqsijiet l-avukat.*

*Kontro eżami:*

*Avukat Dottor Larry Formosa:*

*Mela Sur Sultana, tgħidilna li kemm-il-darba aggrediek u tak bil-ponn fuq sidrek –*

*Ix-xhud:*

*Issa jiena ma qgħadtx ngħoddhom kemm-il darba tani fuq sidri!*

*Avukat Dottor Larry Formosa:*

*Għidtilna tlett (3) darbiet tak.*

*Ix-xhud:*

*Tlett (3) darbiet waqqagħni fl-art bid-daqqiet u tani fuq sidri.*

*__Avukat Dottor Larry Formosa:__*

*U feriti fuq sidrek kif –*

*__Ix-xhud__:*

*Feriti fuq sidri ma kellix. Daqqiet bil-ponn biss.*

*__Avukat Dottor Larry Formosa:__*

*Ara ngħidx sew illi int attakkajtu, tirt għalih, qbadtu, granfajtu, gdimtlu widintu?*

*__Ix-xhud__:*

*Mhux veru!*

*__Avukat Dottor Larry Formosa:__*

*U kif tispjega li widintu parti minnha nieqsa?*

*__Ix-xhud__:*

*Jiena għidtlek, forsi xħin ħabbattlu rasu mal-bieb tal-aluminium għax jiena kont nimbuttah 'il barra biex jitlaqli 'l barra.*

*__Avukat Dottor Larry Formosa:__*

*Jiġifieri xħin ħabbattlu rasu mal-bieb tal-aluminium, tinqata' parti minn widintu qed tgħid int?*

*__Ix-xhud__:*

*Ma nafx. Jiena ma nafx x'ġara. Jiena ma rajt xejn, la rajt ħaġa u lanqas l-oħra, la demm, la widintu fl-art, la ħaġa u lanqas l-oħra, xejn! U ġew il-pulizija ma raw xejn. La demm la ħaġa u lanqas oħra xħin ġew il-pulizija jaraw il-każ xħin ċempilt.*

*__Avukat Dottor Larry Formosa:__*

*U kif tispjega li widintu nieqsa?*

*__Ix-xhud__:*

*Fejn naf hi widintu nieqsa!*

*Avukat Dottor Larry Formosa:*

*Tajjeb.*

*Ix-xhud:*

*Mela, la ma rajt xejn ma nistax nitkellem widintu nieqsa.*

*Avukat Dottor Larry Formosa:*

*Ara ngħidx sew li l-ferita li għandek, li għamillek f'saqajk kienet proprju qabadlek il-parti tiegħek biex terħih u tieqaf –*

*Ix-xhud:*

*Mhux veru!*

*Avukat Dottor Larry Formosa:*

*U tieqaf tigdmu?*

*Ix-xhud:*

*Mhux veru, il-parti tiegħi!*

*Avukat Dottor Chris Said:*

*Wieġeb. Wieġeb biss, m'għandekx għalfejn –*

*Ix-xhud:*

*Mhux veru.*

*Avukat Dottor Larry Formosa:*

*Tajjeb.*

*Avukat Dottor Chris Said:*

*Daqshekk.*

*Avukat Dottor Larry Formosa:*

*U tgħidilna ukoll li l-pulizija ġew xħin kont fuq it-telephone miegħu u kellmuh. Jekk ngħidlek li l-pulizija meta xehdu, minn dan kollu qalu ma jafu b'xejn?*

*Ix-xhud:*

*Ma qalux ma jafu b'xejn. Qalu ma niftakarx.*

Ix-**<u>xhud Maria Sultana</u>** xehdet:

> *"Id-dar tagħna konna. Dan kollu li ġara li ħa ngħid kollu d-dar, qed tifhem? Issa, fit-30 ta' Ġunju, kien għal ħabta tat-tlieta ta' waranofsinhar (~ 3.00 p.m.), issa, konna qegħdin għall-affari tagħna, insajru jiena u r-raġel, imbagħad ġie jħabbtilna Lawrence Galea għal ħabta tat-tlieta (~ 3.00) u r-raġel fetaħlu, qallu, "x'inqala'?" Qallu, "fejn huma l-affarijiet tiegħi?! Fejn huma l-affarijiet tiegħi!" U r-raġel qallu, "x'affarijiet huma?!" Qallu, "Hi taf." Għidtlu, "ok," ir-raġel għajjat lit-tifla, għax it-tifla kienet qiegħda tinħasel, kienet qiegħda tinħasel fuq, u għajtilha, qallha, "Evangelique, inżel, ara x'affarijiet għandu, tihomlu." Imbagħad ir-raġel beda jgħidlu, "oħroġ 'il barra! Oħroġ 'il barra! Ħallina bi kwietna!" Imbagħad ir-raġel qabdu u tefgħu fl-art għal fl-art, imbagħad ir-raġel qam, reġa' tkaxkar, imbagħad reġa' qabdu minn sidru u tefgħu għall-art. Beda jtih kemm jiflaħ bis-sieq, qatagħlu l-legament ta' irkoptejh, għandi ċertifikati u kollox, qatagħlu l-legaments ta' saqajh, għax imbagħad it-tifla niżlet u ċemplet għall-ambulanza, u ma setax jimxi mbagħad ir-raġel. Imbagħad tkaxkar u mar għal fuq is-sufan. Għax imbagħad it-tifla ċemplet l-ambulanza biex imbagħad tiġi tiġbru. Imbagħad sadanittant aħna mbuttajnih 'il barra, ftaħna l-bieb, domna ħafna nimbuttawh, u ma riedx joħroġilna minn ġod-dar dan. Għidtlu, "issa oħroġ!" qegħdin ngħidulu, "Oħroġ!" u ma riedx joħroġ bl-ebda mod dan. Imbagħad sadanittant it-tifla, imbagħad jiena, ir-raġel tefgħu mal-art, beda jtih kemm jiflaħ*

*bis-sieq, qatagħlu l-legaments ta' saqajh. Imbagħad jien mort nifridhom. Miskin ir-raġel tah attakk tal-qalb, hemm itih kemm jiflaħ bis-sieq fuq sidru! Għidtlu, "x'inti ttih fuq sidru!" għidtlu, "Lanqas li ma tafx!" għax hu kien jaf li tah attakk tal-qalb. Għidtlu, "x'inti ttih!" jiena. Għidtlu, - imbagħad jien mort fridthom u lili Alla jaf kemm tani fuq idejja, beda jimbuttani b'idejh. U beda jheddidni, "Issa tara lil Santa Marija inti! Issa tara lil Santa Marija! U int, issa taraha lil Santa Marija!"*

Ix-**<u>xhud Evangelique Sultana</u>** xehdet:

*"**<u>Ix-xhud</u>**: Imma li naf jien hu missieri beda jgħajjatli beda jgħidli, "inżel, inżel, inżel!" Bdejt nisma' ħafna għajjat, missieri jgħidlu, "oħroġ 'il barra! Lilna ħallina bi kwietna, m'għandekx xi tridna!"*

***<u>Avukat Dottor Chris Said</u>**: L-għajjat minn fejn kien ġej?*

***<u>Ix-xhud</u>**: Minn isfel, mill-garaxx.*

***<u>Avukat Dottor Chris Said</u>**: Mill-garaxx tagħkom tad-dar tagħkom.*

***<u>Ix-xhud</u>**: Eżatt. Jiena kont fuq qed ninħasel. Inżilt, ilbist kif stajt, inżilt, u nsibu qiegħed hemmhekk f'nofs il-garaxx. Jiena għidtlu tipo m'għandek xi tridna, ħallina bi kwietna, l-affarijiet se nagħtihomlok. Beda jgħajjat, Galea, insib lil missieri muġuġħ, ommi tipprova tgħinna kif tista', u jiena bdejt nipprova nimbotta lil Galea 'l barra biex joħroġ. Missieri safrattant baqa' jgħidlu, "oħroġ 'il barra, ħallina bi kwietna, m'għandekx xi tridna!" kellu ċ-ċavetta tat-trakk f'idu l-leminija tipponta lejna. Lil missieri beda jgħidlu,*

*"noqtlok! Noqtlok! Għadek ma tafx x'inhu ġej għalikom! Il-kbir għadu ġej! Ħajjitkom nagħmilhielkom miżerja! M'inhix se nħallikom tgħixu bi kwietkom!" affarijiet minn dawn. Imbagħad Galea ħareġ 'il barra."*

## KUNSIDERAZZJONIJIET LEGALI DWAR L-AKKUZA

**<u>L-unika imputazzjoni</u>**
**Art. 214, 215, 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta – ferita gravi**

Din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Azzopardi** moghtija fit-30 ta' Lulju 2004 fejn intqal:

> **"Il-kwistjoni ta' jekk offiza hix wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda ta' fatt u ghalhekk rimessa ghall-gudikant tal-fatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad – il-magistrat – u issa f'idejn l-imhallef sedenti). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni, li tiddependi necessarjament jew esklussivament fuq "opinjoni medika". It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' xhiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta imbaghad ghall-gudikant tal-**

**fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza."**

Il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Francis Dingli***, deciza mill-Qorti tal-Appell nhar it-12 ta' Settembru 1996[4] fejn gie ritenut:

*"L-ewwel aggravju tal-appellant hu fis-sens li l-ewwel Qorti skartat id-deposizzjoni u opinjoni tal-espert mediku minnha stess nominat – Dr. Joseph L. Grech – u qaghdet fuq dak li t-tabib tal-Polyclinic – Dr. Anthony Xuereb – ghal dak li jirrigwarda n-natura tal-offiza li garrbet f'wiccha Tracey Burke. Dr. Xuereb ikklasifika l-offiza bhala wahda gravi, mentri Dr. Grech, li ezamina lit-tfajla tlett xhur neqsin jumejn wara l-incident ikklasifikaha bhala offiza hafifa u ta' ebda importanza. L-Artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali jghid li offiza hija gravi jekk iggib mankament jew sfregju f'certi postijiet tal-gisem fosthom fil-wicc tal-offiz. Ma huwiex mehtieg li dana l-mankament jew sfregju ikun permanenti jew li jdum ghal certu numru ta' sighat, granet gimghat jew xhur. Jekk, imbaghad, l-isfregju ikun gravi **u** permanenti ikun hemm il-figura tal-hekk imsejjha offiza gravissima kontemplata fl-artikolu 218(1)(b). Ghall-finijiet tal-artikolu 216(1)(b) jekk hemmx sfregju jew le hi kwistjoni ta' fatt rimessa ghall-gudikant tal-fatt (f'dan il-kaz il-*

[4] Per Onor. Vincent De Gaetano

*magistrat) u dan kien perfettament intitolat li jasal ghal konkluzzjoni differenti minn dik li wasal ghaliha l-espert tal-qorti. L-appellant donnu qed jippretendi li biex il-qorti tiddeciedi jekk offiza iggibx sfregju fil-wicc o meno irid jghaddi certu zmien halli wiehed jara l-effetti li thalli l-ferita in kwistjoni fil-wicc. Dan mhux korrett. Kif ga inghad, ghall-finijiet tal-artikolu 216(1)(b) sfregju anke ta' ftit granet, per ezempju sakemm is-suturi jew ponti ikunu ghadhom f'posthom, jammonta ghal offiza gravi, ghalkemm wara li jitnehhew il-ponti u jghaddi iktar zmien il-marka li tibqa' ma tkunx tikkwalifika bhala sfregju. Differenti huwa l-Artikolu 583 tal-Kodici Penali Taljan li jsemmi biss "la deformazione, ovvero lo sfregio permanente del viso" (emfasi ta' din il-Qorti) ghall-finijiet tal-offiza gravissim, filwaqt li ghall-finijiet tal-offiza gravi ma jagheml l-ebda referenza ghall-isfregju jew deformazzjoni la tal-wicc u lanqas tal-partijiet ohra tal-gisem (ara wkoll is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-hmistax (15) ta' Frar, 1958 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emily Zarb**".*

Ix-xhud it-**tabib Joseph Galea**[5] xehed:

*Fit-tletin (30) ta' Ġunju ta' din is-sena fit-tlieta neqsin għoxrin ta' filgħaxija (2.40p.m.) kont iċ-Ċentru tas-Saħħa, Victoria, u rajt lil Lawrence Galea, numru tal-karta tal-identità 21691G, kellu ferita fil-widna tax-xellug u kellu l-*

[5] Seduta tas-16 ta' Novembru 2017

*parti mill-widna, parti ta' isfel kienet nieqsa. Il-pazjent, apparti li kellu biċċa minn widintu nieqsa, kien qed jgħid li kellu wġigħ fil-polz tal-lemin. Xħin eżaminajtu bħala polz, il-polz kien normali u ma kienx hemm sinjali kliniċi ta' ksur fil-għadam. Però minħabba l-ferita li kellu f'widnejh klassifikajthom bħala ġrieħi gravi.*

<u>*Kontro eżami*</u>*:*

<u>*Avukat Dottor Chris Said*</u>*:*
*Il-ferita li kellu f'widnejh, inti stajt tasal għall-konklużjoni ċerta minn xhiex kienet ġejja?*
<u>*Ix-xhud*</u>*:*
*Le, ċerta ma nistax ngħid.*
<u>*Avukat Dottor Chris Said*</u>*:*
*Ċerta ma tistax tgħid. Jiġifieri setgħet kienet kompatibbli ma' daqqa ma' xi ħaġa taqta', kienet –*
<u>*Ix-xhud*</u>*:*
*Diffiċli taħbat widnejk ma' xi ħaġa taqta' u taqtagħha* ***kompletament*** *barra.*

L-espert imqabbad mill-Qorti t-<u>**tabib Michael Refalo**</u> xehed:

*Il-konklużjoni hi li Lawrence Galea qed isofri minn nuqqas ta' parti mill-obbju tal-widna x-xellugija allegatament sofferti waqt ġlieda fit-tletin (30) ta' Ġunju tas-sena l-oħra (2017). Din ħalliet*

*effett permanenti fuq l-apparenza kif viżibbli minn persuna normali meta wieħed ikun qed jitkellem ma' persuna oħra.*

*<u>Kontro eżami</u>:*

*<u>Avukat Dottor Chris Said</u>:*
*Inti dħalt biss jekk tidhirx jew le? Minn xhiex ġiet?*
*<u>Ix-xhud</u>:*
*Jien l-inkarigu tiegħi kien biex ninvista lil Lawrence Galea dwar il-permanenza o meno tal-ferita sofferta fl-inċident.*
*<u>Avukat Dottor Chris Said</u>:*
*Jiġifieri minn xhiex ġiet ikkawżata l-ferita inti ma dħaltx.*
*<u>Ix-xhud</u>:*
*Le, le. Il-permanenza.*

M'hemmx kontestazzjoni li l-parte leza soffra minn griehi gravi u permanenti f'widintu, il-kontestazzjoni hi kif soffra din il-ferita.

**Id-difiza tal-*legittima difesa***

Il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-elementi rikjesti mil-ligi, sabiex tara jekk dak invokat mid-difiza tal-legittima difesa ghandux bazi. Il-principju tal-leġittima difeza gie ampjament spjegat fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija (Spettur Roseanne Debattista) vs Tony Curmi et***[6], fejn il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali irrimarkat:

[6] 27 ta' Ġunju 2017, Kumpilazzjoni Nru 1366/2012 per Magistrat Consuelo Scerri Herrera

*"Illi kif inhuwa ben saput, il-ġustifikazzjoni għal-leġittima difesa tirriżulta meta persuna tilqa' b'forza l-vjolenza jew aggressivita' ta' persuna oħra diretta lejha jew lejn terzi, kontra liema persuna hekk aggredita l-aġir tad-difensur imputat huwa dirett. Fil-leġittima difesa trid tkun inħolqot sitwazzjoni ta' perikolu, dannu, theddida u/jew minaċċja tal-istess, bl-aġir tal-aggressur u mhux da parti tad-difensur, sitwazzjoni kkreata unikament mhux minn min jadotta dik it-tip ta' difiża, iżda minn min qed juri jew jimmanifestaw dak il-perikolu jew theddid jew dannu attwali kif jispjega **Antolisei** –*

*"occorre in fine che l'aggressione abbia creato per il diritto presso di mira un pericolo attuale."*

*Fil-**Manuale di Diritto Penale Generale** pg 261, insibu li*

*"pericolo attuale e' il pericolo presente."*

*[...]*

*Jiġi rilevat li d-dritt għal-leġittima difesa jitwieled u huwa konsegwenza naturali mid-dritt fundamentali ta' kull bniedem li jipproteġi lilu nnifsu minn xi aggressjoni jew dannu anke bl-użu tal-forza. Iżda l-liġi timponi ċerti kondizzjonijiet biex din l-eċċezzjoni tiġi milqgħuha. Ċioe t-theddid ta' xi aggressjoni*

*jew dannu jew perikolu jrid ikun inġust, gravi u inevitabbli. Id-difiża trid tkun saret biex jiġu evitati konsegwenzi li jekk jeffettwaw ruħhom jikkaġunaw ħsara rreparabbli lid-difensur, jiġifieri ħsara jew offiża lil-ħajja, ġisem u/jew partijiet tal-ġisem tad-difensur. L-imputat difensur irid jipprova li dak li hu għamel, għamlu, stante li fl-istat psikoloġiku li kien jinsab fih f'dak il-mument, biex jevita xi perikoli li ma setgħux jiġu evitati b'mod ieħor. Jiġifieri l-perikolu għandu jkun attwali, istantaneu u assolut u ma jridx ikun xi perikolu antiċipat. Il-perikolu għandu jkun attwali, ta' dak il-ħin, u mhux xi theddida ta' perikolu li tkun saret ħinijiet qabel għax dan jista' jagħti lok għal provokazzjoni u mhux difesa leġittima. Il-perikolu jrid ikun assolut, ċioe li f'dak il-mument li kien qed iseħħ ma setax jiġi evitat b'xi mod ieħor. Iżda hawnhekk għandu jiġi applikat it-test oġġettiv kif diversi awturi u sentenzi tal-Qorti dejjem speċifikaw, u mhux biżżejjed li wieħed jgħid x'seta' għamel jew x'messu għamel jew x'messu għamel id-difensur (imputat) qabel ma ħa l-azzjoni in difesa bl-użu tal-forza.*

*Fil-fatt kif jgħid il-Professur Mamo fin-noti tiegħu:*

*"the danger against which the accused reacts should be viewed not necessarily as it was in truth and in fact, but rather as the accused saw it at the time."*

*Wieħed għalhekk irid ipoġġi lilu nnifsu fiċ-ċirkostanzi kif ħassu dak il-ħin u mument ċioe imbeżża' u l-ħsieb tiegħu li ser jiġi aggredit; [...]*

*[...][F]id-difesa leġittima, huwa m'għandux jadotta metodi li huma in eċċess jew minaċċja ta' perikolu. Iżda anke hawn*

*[...] għandu wkoll jiġi kkunsidrat sew l-istat mentali tal-vittma tal-aggressjoni jew minaċċja ta' perikolu, ċioe l-imputat. Rinfaċċjat b'perikolu serju u imminenti kif ħaseb hu f'dak il-mument, wieħed ma jistax jippretendi li kellu jżomm il-kalma u fil-fatt il-liġi stess f'ċirkostanzi bħal dawn taċċetta miskalkolazzjonijiet u* errors of judgement."

Fil-kawza fl-ismijiet, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Martina Galea,**[7] il-Qorti rreteniet illi"*… huwa appena necessarju jinghad li rekwizit indispensabbli ghad-diriment tal-legittima difiza hija l-inevitabbilita', meta l-akkuzat "cannot escape though he would" bil-korollarju li ma nistghux nitkellmu dwar legittima difiza jekk l-akkuzat "would not escape though he could."*

Illi anke l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) kellha okkazjoni sabiex titkellem dwar din id-difiza. Difatti fis-sentenza moghtija mill-imsemmija

[7] 14 ta' Jannar 1986

Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Salvu Psaila,**[8] inghad illi:-

*(a) "Il-gustifikazzjoni tal-legittima difiza timplika li:*

*b) Id-deni li jigi repellit mill-agenti jkun ingust fil-kawza tieghu u l-attakk ta' l-assalitur ikun ingust u illegittimu u ghalkemm dan irid jigi rigwardat fis-sens intrinsiku u mill-impressjoni soggettiva li jircievi l-vjolentat eppure min b'l-imgieba u kontenju tieghu, ikun kawza mmedjata qabel ma jinstab fil-perikolu ma jikkompetilux li jkollu l-impunita pjena jew shiha;*

*c) Id-deni jrid ikun attwali u prezenti filwaqt tar-reazzjoni; u fl-ahharnett li*

*d) Id-deni jkun inevitabbili l-ghaliex bla ma jkun hemm in-necessita` tad-difiza r-reazzjoni ta' min igib 'il quddiem il-"feci sed jure feci" ma jistax jghid li jkun ipprova llegittimita` ta' l-att 'per se' antiguridiku tieghu. Jinghad imbaghad li huwa accertat fid-Dottrina li d-deni minaccjat u l-perikolu sovrastanti jridu jkunu ta' gravita u bejniethom (deni minn banda u perikolu minn naha l-ohra)… irid ikun hemm proporzjonalita…"*

[8] 9 ta' Novembru 1963

Fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Augusto Auguliaro** deciza fis-26 ta' Awwissu 1998 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) il-Qorti tkellmet dwar il-bzonn attwali u l-invetibilita' ghal darb'ohra:

> *"Mhux kull min jagixxi biex jiddefendi ruhu necessarjament jista' jinvoka dan l-Artikolu (b'referenza ghall-artikolu 223 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta). Il-ligi titkellem car dwar il-bzonn attwali tad-difiza legittima ta' dak li jkun jew ta' haddiehor. Kemm fid-dottrina kif ukoll fil-gurisprudenza taghna hu ormaj stabilit li biex wiehed jista' jinvoka dan l-iskriminanti l-aggressjoni subita trid tkun ingusta, gravi w inevitabbli. L-element tal-inevitabilita jigi nieqes meta wiehed, minflok ma jevita l-inkwiet ossia l-glied li jara gej meta dan ikun jista' b'mod ragjonevoli jigi hekk evitat, imur minghajr raguni valida jaffrontah b'mod li jipprecipita huwa stess il-konfront fiziku".*

Bħalma ntqal fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Brian Caruana** fit-23 ta' Mejju 2002: **"Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi u mill-evalwazzjoni tal-fatti li jagħmel il-ġudikant u jekk il-konklużjoni li jkun wasal għaliha il-ġudikant tkun perfettament raġġunġibbli bl-użu tal-loġika u l-buon sens u bażata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'oħra anki jekk mhux neċessarjament tkun l-unika konklużjoni possibbli."**

Issa, fil-każ in eżami l-kwistjoni tirrisolvi ruħha f'waħda dwar il-kredibilita` tax-xhieda prinċipali tal-prosekuzzjoni u d-difiza. F'dan ir-rigward tfakkar, din il-Qorti, li l-artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi li **"ix-xiehda ta' xhud biss, jekk emmnut minn min għandu jiġġudika fuq il-fatt, hija biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar"**.

Din il-Qorti eżaminat bir-reqqa l-provi kollha prodotti. Minn banda għandna l-verzjoni li ta l-imputat u l-qraba tieghu dwar kif sehh il-kaz u mill-banda l-oħra hemm ix-xhieda tal-parti leza fejn jghid x'wasslu biex imur fejn jghix l-imputat u l-verzjoni tieghu ta' x'gara u x-xhieda tat-tobba.

Lord Justice Widgery fil-kawza '**R vs Julien**' (1969, 1 WLR 839) qal:

> *"It is not...the law that a person threatened must take to his heels and run in the dramatic way suggested by Mr. McHale;* ***but what is necessary is that he should demonstrate by his actions that he does not want to fight.*** *He must demonstrate that he is prepared to temporise and disengage and perhaps to make some physical withdrawal; and that that is necessary as a feature of the justification of self-defence is true, in our opinion, whether the charge is a homicide charge or something less serious."*

**KONKLUZZJONIJIET**

Mill-assjem tal-provi jirrizulta illi :

Li l-parte leza Lawrence Galea soffra feriti ta' natura gravi u permanenti f'widintu u l-verzjoni li l-ferita saret b'gidma hi aktar kredibbli minn dik li prova jghid l-imputat li saret mal-waqa' mal-art;

Evangelique Sultana, bint l-imputat Lawrence Sultana, kienet ghadha kemm spiccat minn relazzjoni ta' tlett snin li kellha ma Lawrence Galea;

Lawrence Galea mar fid-dar tal-imputat Lawrence Sultana biex jigbor l-affarijiet li kellu ghand Evangelique u dan minkejja li din kienet qaltlu li dawn kienet ser tehodhomlu hi;

Meta mar fid-dar tal-imputat u qam l-argument mal-imput u l-parti leza nghata ordni biex johrog mill-garage tal-imputat huwa naqas li jaghmel dan u l-imputat jghid li habat ghalih;

Jidher li l-verzjoni li ta l-imputat li ddefenda ruhu mill-agressjoni li saret fuq persuntu u fil-proprjeta' tieghu stess minn Lawrence Galea bl-ahjar mod li seta' taghmel sens izda din kienet wahda eccessiva u biex wiehed jiddefendi ruhu ma jigdimx lill-persuna l-ohra;

Biex tapplika d-difiza tal-legittima difesa trid necessarjament thares lejn il-kriterji li trid il-ligi. Biex tissussisti l-legittima difesa jrid ikun hemm perikolu minaccjat, li jehtieg li jkun ingust, gravi u inevitabbli.

Il-Qorti thoss li dawn il-kriterji gew ippruvati sal-grad ta' probabbilta`. Izda johrog car li r-reazzjoni tal-imputat li jiddefendi ruhu kienet eccessiva u mhux proporzjonali. Huwa f'dan il-kuntest li l-Qorti thoss li huwa car li l-fatti juru li l-imputat effettivament, waqt li rreagixxa, hareg mil-limitu tal-proporzjon – izda dan sehh peress illi huwa, f'dak il-mument, jista' jkun li beza' mill-attegjament tal-parte leza (artikolu 227(d) tal-Kodici Kriminali). **Wiehed irid iqis ukoll il-provokazzjoni li wasslet ghall-incident, ghalkemm zgur li m'hu qatt gustifikat li ghax ikun hemm relazzjoni li tintemm tinholoq gwerra bejn dawk involuti minflok jirragunaw li f'din ir-relazzjoni kien hemm expiry date, il-partijiet ma hassewx li huma aktar kompatibbli ma' xulxin u jieqfu hemm. Il-kwistjoni tar-relazzjoni li ntemmet kellha tibqa' bejn bint l-imputat u l-parte leza u ma kellux ghaliex jidhol fiha l-imputat. Jekk bintu kienet qeghda tinhasel, kellu jghid lill-parte leza li x'hin tlesti tkellmu hi.**

**Glanville Williams** fit-*Textbook of Criminal Law* - pg, 479 jghid:-

> "*Killing in provocation is a kind of killing in revenge but we refrain from calling it that. The term* '*revenge*' *is used for retaliatory action that is planned and cold blooded. Provocation refers to the heat of the moment.*"

Id-definizzjoni klassika tal-kelma '*provocation*' giet mehuda mill-indirizz moghti mill-**Imhallef Derlin** fl-Ingilterra fil-kawza ***R v Duffy*** (1945) fejn qal:-

> "*Provocation is some act or series of acts done by the dead man to the accused which would cause in any reasonable person and actually causes in the accused, a sudden and temporary loss of self control rendering the accused so subject to passion as to make him for the moment not master of his mind.*"

Artikolu 227(d) jipprovdi li: *jekk isir minn persuna illi, fil-waqt li tkun taġixxi taħt iċ-ċirkostanzi msemmijin fl-artikolu 223, toħroġ barra mil-limiti imposti mil-liġi jew mill-awtorità, jew mill- bżonn: Iżda, dan l-eċċess ma jkunx suġġett għal piena, jekk ikun sar minħabba li l-persuna tkun inħasdet, beżgħet jew twerwret.*

Artikolu 228. (1) jipprovdi: *Fil-każ ta' omiċidju volontarju skużabbli skont il- paragrafi (a) jew (b) tal-aħħar artikolu qabel dan, l-akkużat, meta jinsab ħati, jeħel il-priġunerija għal żmien mhux aktar minn sentejn.*

Illi kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza **"Il-Pulizija vs. Joseph Azzopardi"** [30.7.2004] : -

> *"…Il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali ghandhom ikunu minn ta' quddiem biex b'mod deciziv jirripristinaw l-ordni pubbliku meta dan jigi zventrat mill-arroganza jew il-prepotenza li timmanifesta ruha f' xi forma ta' vjolenza fizika ."*

Illi dan il-principju rega' gie ribadit mill-istess Qorti tal-Appell Kriminali (Kollegjali) fis-sentenza taghha : "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Domenic Bonnici**" [11.11.2004] fejn gie ritenut li :-

> *"Il-pieni ghandhom l-iskop ukoll li jservu ta' deterrent generali; u l-qrati ta' gustizzja kriminali ghandhom jibghatu messagg car …..li l-vjolenza fizika ghandha, bhala regola generali, dejjem iggib maghha il-piena ta' prigunerija b'effett immedjat."*

**DECIDE:**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 216, 218, 227(d), 228 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u wara li qieset id-difiza tal-legittima difesa izda li huwa hareg mil-limitu tal-proporzjon u r-

reazzjoni tieghu kienet wahda eccessiva tikundannah sena prigunerija li b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospiza ghal perjodu ta' tlett (3) snin.

Din il-Qorti wara li rat Artikolu 28B tal-Kap 9 twissi lill-imputat illi, bħalma qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Maurice Agius**[9] mogħtija fit-13 ta' Novembru 2009, **"is-sentenza ta' priġunerija sospiża mhix, kif jaħsbu xi wħud, *a let off* jew sempliċement *a slap on the hand*. Min ikun ġie kkundannat għal piena ta' priġunerija sospiża jrid ikun, matul il-perjodu operattiv tagħha, kif jgħid il-Malti, 'imqarar u mqarben', għax appena huwa, matul dak il-perijodu, jikkommetti xi reat ieħor li għalih hemm stabbilita piena ta' priġunerija, meta jinstab ħati ta' dak ir-reat l-ieħor tiġi attivata l-piena ta' priġunerija li tkun ġiet hekk sospiża, u dak li jkun ikollu allura jibda jiskontaha."**

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fil-perjodu ta' tlett snin.

*In oltre,* il-Qorti wara li rat Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-hati b'garanzija personali ta' elfejn Euro (€2000) ghal zmien sena millum fil-konfront ta' Lawrence Galea.

[9] Deciza mill-Prim Imhallef Vincent DeGeatano

Inoltre wara li rat Artikolu 533 tal-Kap 9 tordna lill-hati jhallas mija u ghoxrin ewro (€***120***)[10] spejjez peritali fi zmien xahar millum.

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**

[10] €1120 – Dr. Michael Refalo